MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 81/2009

**Mary Fortunata mart Teddy Refalo**

**Vs**

**Michael, Mary Carmen mart Joseph Buttigieg, Yvonne mart Julian sive Gino Attard, Jane mart Emmanuel Buttigieg, u Dr Kevin Mompalao bhala prokuratur tal-assenti Rose Xerri, Mario Victor, Joseph u Marianne Sultana lkoll ahwa Attard**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fejn l-attrici ippremettiet li:-

1. Illi fl-24 ta’ Novembru 1985 miet fix-Xaghra Ghawdex Victor Emmanuel Attard (Dok A) b’testment ‘unica carta’ ma’ martu Helen nee’ Zammit fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo tal-21 ta’ Mejju 1980 (Dok B) u halla jissopravvivuh lid-disa’ uliedu Mary Carmen mart Joe Buttigieg, Michael, Maryanne mart Victor Sultana, Joseph,

Jane mart Emmanuel Buttigieg, Mary Fortunata mart Teddy Refalo, Yvonne mart Gino Attard, Victor u Rose mart Carmel Xerri ahwa Attard kontendenti f'din il-kawza.

2. Illi fil-15 ta' Frar 2008 mietet f'Victoria Ghawdex Helen armla ta' Victor Emmanuel Attard, fuq imsemmi bi erba' (4) testmenti, u cioe' dak 'unica carta' mal-mejjet fuq imsemmi, l-iehor fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tal-20 ta' Novembru 2000 (Dok D) iehor fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tal-31 ta' Ottubru 2003 (Dok E), u l-iehor sigriet tat-23 ta' Lulju 2005 miftuh minn Nutar Kristen Dimech fl-24 ta' Gunju 2008 (Dok F) u halliet jissopravvivuha lid-disa' uliedha 'l fuq imsemmija ahwa Attard kontendenti f'din il-kawza.

3. Illi fl-ahhar testament taghha, u cioe' dak maghmul sigriet tat-23 ta' Lulju 2005, l-imsemmija Helen Attard, iddeseridat lill-attrici ghar-ragunijiet imsemmija fl-imsemmi testment.

4. Illi r-ragunijiet moghtija mit-testatrici fl-imsemmi testament m'humiex legali, u fi kwalunkwe kaz m'humiex veritiera anzi maghmulin specifikament fl-intenzjoni li jigu evazi d-drittijiet legittimarji tal-attrici fil-konfront tal-wirt ta' ommha l-imsemmija Helen Attard.

5. Illi permezz ta' nota ppresentata fil-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja fil-Gzira t'Ghawdex fis-27 ta' Gunju 2008 (Dok G) l-attrici, irrinunzjat ghal wirt u successjoni t'ommha l-imsemmija Helen Attard, izda zammet fermi d-drittijiet taghha ghal jedd tal-legittima jew sehem iehor dovut lilha skond il-ligi.

6. Illi bit-tieni artikolu tat-testment taghha in atti Nutar Dottor Paul George Pisani tal-31 ta' Ottubru 2003 (Dok E) l-imsemmija Helen Attard iddikjarat li b'att tal-istess nutar tal-istess gurnata bieghet bicca art maghrufa bhala 'Ta' l-Gherejjex' f'Marsalforn limiti taz-Zebbug Ghawdex lil binha Michael Attard u martu Theresa Attard, u lil bintha Mary Carmen Buttigieg flimkien ma' zewgha Joseph Buttigieg divizament bejniethom. Fuq dak l-att ix-xerrejja nghataw zmien ghal hlas. Izda bis-sahha tal-imsemmi testament, l-

imsemmija testatrici hafret lil kull wiehed u wahda mill-imsemmija Michael u Theresa konjugi Attard, u Mary Carmen u Joseph konjugi Buttigieg kwalunkwe ammont li kienu ghadu ma thallasx minnhom fid-data tal-mewt taghha, inkluzi l-imghaxijiet relattivi, fis-sens li kwalunkwe kreditu spettanti lit-testatrici fid-data tal-mewt taghha fir-rigward ta’ kull wiehed u wahda mill-beneficcjarji ghandu jittiehed u ghandu jigi ricevut mill-istess beneficjarju b’legat jew prelegat skond il-kaz. It-testatrici ddikjarat li hija kienet qeghda tordna dan il-legat ossija prelegat b’kumpens ghal servizzi u assistenzi rezi mill-imsemmija wliedha u zwieghom lit-testatrici.

7. Illi imbaghad b’testment iehor sigriet tal-istess testatrici tat-23 ta’ Lulju 2005 l-istess Helen armla Attard testatrici, ippubblikat min-Nutar Kristen Dimech fl-25 ta’ Gunju 2008 u precisament bir-raba’ artikolu tal-istess testment ghamlet referenza ghall-imsemmi testment fl-atti tan-Nutar Pisani tal-31 ta’ Ottubru 2003 u ddikjarat li l-mahfra tal-ammont bilancjali tkopri biss kumpens ghas-servigi li jikkonsistu fl-amministrazzjoni tal-beni taghha u tal-litigji fil-Qorti li ghandha ma’ bintha Mary Fortunata u zewgha Teddy Refalo.

8. Illi l-imsemmija disposizzjoni testamentarja fejn it-testatrici Helen Attard hafret kull dejn li kien baqghalu jithallas mill-konjugi Attard u Buttigieg fuq imsemmija huwa effettivament simulat ghaliex mhux tassew il-mahfra tad-dejn saret bhala kumpens ghal servigi u assistenzi resi mill-imsemmija legatarju uliedha u zwieghom ghaliex l-ewwelnett hu maghruf li ebda kumpens mhu dovut meta l-vinkoli ta’ konsangwinita’ huma stretti u fil-legati remuneratorji bejn il-genituri u ulied jekk mhux dejjem, kwazi dejjem hemm element ta’ liberalita’ u mhux il-kaz li jkun remuneratorju u tieni nett il-legatarji ma rrendew ebda servigi retribwibbli.

9. Illi oltre’ dan kif irrizulta mill-atti tal-kawza Rikors Guramentat Numru 83/2008 (AE) fl-ismijiet ‘Maria Fortunata Refalo vs Michael Attard et’ pendenti quddiem dina l-Qorti u differita ghal nhar id-9 ta’ Dicembru 2009, ghal liema qeghda ssir ampja riferenza, rrizulta li l-valur li

bih giet trasferita l-imsemmija bicca art denominata ‘tal-Gherejjex’ f’Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex tal-kejl ta’ 522 metri kwadri trasferita minn Helen armla Attard lil konvenuti Michael Attard u Mary Carmen Buttigieg, huwa ferm superjuri ghal dak dikjarat u ghalhekk anke ghal dak li jirrigwarda l-prezz, dan huwa manifestament simulat.

Ghalhekk l-attrici talbet lil din il-Qorti :

1. Tiddikjara u tiddeciedi li b’kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tal-31 ta’ Ottubru 2003, li bih il-mejta Helen armla Attard ittrasferiet l-art ‘tal-Gherejjex’ fuq imsemmija lil uliedha Michael Attard u Mary Carmen Buttigieg huwa simulat mhux biss ghar-rigward tal-fatt li dan it-trasferiment ma kienx onerus izda fil-fatt jikkostitwixxi liberalita’ kif ukoll minhabba l-fatt li l-valur gust u reali tal-imsemmija art huwa ferm superjuri ghal valur li bih allegatament giet trasferita.

2. Tiddikjara u tiddeciedi li ghal finijiet tal-likwidazzjoni tal-legittima dovuta lill-attrici l-valur li ghandu jingab lura fil-massa ereditarja u l-ammont li jirrizulta li huwa l-valur reali tal-imsemmija art ‘tal-Gherejjex’.

3. tistabilixxi okkorrendob’opera ta’ periti nominandi l-valur gust u reali tal-imsemmija bicca art.

4. tordna li kwalunkwe ammont likwidat kif fuq inghad jingab lura fil-massa ereditarja tal-wirt tal-mejta Helen Attard ghal finijiet tal-likwidazzjoni u divizjoni tal-istess wirt u ghal finijiet tal-likwidazzjoni tal-legittima dovuta lill-attrici.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta’ l-avukat Dr Kevin Mompalao bhala kuratur ta’ l-imsefrin Rose Xerri, Mario Victor Attard, Joseph Attard u Maryanne Sultana fejn gie eccepit :

1. Illi fl-ewwel lok, l-esponenti nomine jiddikjara li ghalkemm huwa awtorizzat sabiex jirraprezenta lill-konvenuti msemmija fi proceduri ohra, l-prokura li ghandu f’idejh ma testendix ghal litigju f’din il-kawza u ghal

daqstant trid tigi segwita l-procedura idoneja sabiex il-persuna li tirraprezenta lill-assenti tkun kuratur fit-termini tal-ligi jew ex officio jew wara li jigu accettati l-bandi. F’dan l-istadju l-esponenti qed jirrispondi biss bhala kuratur ta’ l-elenku.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jirriserva illi jirrispondi ulterjorment wara li ghamel kuntatt mal-persuni minn rapprezentati fl-esteru peress dwar din il-kwistjoni huwa ma ghandu l-ebda gharfien. Li jaf u li jista’ jigi dikjarat f’dan l-istadju huwa li safejn jaf hu l-persuni minnu rapprezentati ghadhom ma ddecidewx jekk jassumux l-eredita’ ta’ ommhom Helen Attard jew inkella jaghzlux illi jiehdu l-legittima spettanti lilhom skond il-ligi. Ghaldaqstant, minghajr pregudizzju ghas-suespost, f’dan l-istadju jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt wara illi l-esponenti jaghmel kuntatt mal-persuni minnu rapprezentati.

3. Illi din ir-risposta qed issir u qed tigi konfermata bil-gurament mill-avukat Dr Kevin Mompalao li ghandu konoxxenza tal-fatti fuq esposti.

Salvi ecezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Michael Attard, Mary Carmen mart Joseph Buttigieg, Yvonne mart Julian Attard u Jane mart Emanuel Buttigieg li permezz taghha gie eccepit :

1. Illi preliminarjament u fl-ewwel lok huwa sottomess li l-konvenuti Yvonne Attard u Jane Buttigieg m’humiex legittimi kuntraditturi f’din il-kawza in kwantu huma ma kienux partijiet kontrajenti fuq il-kuntratt tal-31 ta’ Ottubru 2003 atti Nutar Paul George Pisani ;

2. Illi preliminarjament ukoll, in kwantu l-istess kuntratt tal-31 ta’ Ottubru 2003 atti Nutar Paul George Pisani qed jigi attakkat b’din il-kawza, m’hemmx l-integrita’ tal-gudizzju fil-kawza odjerna peress li z-zwigijiet ta’ Michael Attard u Carmen Buttigieg, u cioe’ Theresa Attard u Joseph Buttigieg kienu wkoll kontraenti fuq l-istess

kuntratt. Ghalhekk l-istess kuntratt ma jistax jigi mittiefes sakemm ma jissejhux fil-kawza l-istess imsemmija Theresa Attard u Joseph Buttigieg ;

3. Illi fit-tielet lok hemm ukoll in-nullita' ta' din il-kawza minhabba konfuzjoni u kontraddittorjeta' fit-talbiet attrici ;

4. Illi preliminarjament ukoll, hemm in-nullita' ta' din il-kawza, ghaliex l-attrici qeghda permezz ta' din il-kawza tagixxi in kontradizzjoni ma' dak allegat minnha f'kawza ohra fl-istess ismijiet pendenti quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta li ggib in-numru 83/2008. Dan ghaliex filwaqt li hija qieghda bil-kawza prezenti ssostni li l-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tal-31 ta' Ottubru 2003 kien wiehed simulat peress li ma kienx oneruz izda kien jikkostitwixxi liberalita' u li l-valur gust u reali ta' l-imsemmija art huwa ferm superjuri ghall-valur indikat fil-kuntratt, fil-kawza bin-numru 83/2008 fl-ismijiet 'Mary Fortunata Refalo vs Michael Attard et' pprezentata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, l-istess attrici accettat il-prezz indikat fuq dan il-kuntratt tal-31 ta' Ottubru 2003 u nsistiet li kwalunkwe ammont li kien baqa' dovut jithallas mill-konvenuti minn dan il-prezz fid-data tal-mewt tat-testatrici, ghandu jigi kkalkulat ghall-fini tal-likwidazzjoni tal-assi tal-imsemmija Helen Attard. Dan minnu nnifsu jimporta kontraddittorjeta' bejn din l-azzjoni u l-azzjoni ezercitata fil-kawza bin-numru 83/2008 peress li mentri f'din il-kawza, dan il-kuntratt qed jigi attakkat abbazi ta' allegata simulazzjoni u li l-prezz huwa wiehed baxx u mhux reali, fil-kawza l-ohra, tali kuntratt qed jigi accettat mill-attrici bhala wiehed validu tant li fih tinsisti li l-valur indikat fuq dan il-kuntratt u li sussegwentement kien gie mahfur li jithallas mit-testatrici, jithallas mill-kumpraturi. In vista ta' din l-eccezzjoni, l-eccipjenti jitolbu l-allegazzjoni tal-atti tal-kawza bin-numru 83/2008.

5. Illi fir-raba' lok huwa sottomess li din il-kawza tikkontjeni wkoll kumulu ta' zewg azzjonijiet li ma setghux isiru f'dan il-kaz. Dan peress li fuq naha din il-kawza tirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' simulazzjoni ta' kuntratt – liema azzjoni setghet tigi rivolta biss fir-rigward tal-

kontraenti ta’ l-istess kuntratt – u t-tieni wahda tirrigwarda il-komputazzjonijiet tal-legittima fil-massa ereditarja ta’ Helen Attard – liema azzjoni setghet tigi rivolta fil-konfront ta’ l-eredi jew eredi prezuntivi ta’ l-istess eredi Attard. Il-kumulu ta’ azzjonijiet jista’ jsir biss meta l-konvenuti fiz-zewg kawzi jkunu l-istess, u ghalhekk f’dan il-kaz tali kumulu ma setghax isir, u minn dan isegwi wkoll in-nullita’ tal-kawza odjerna ;

6. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u dan ghaliex kif se jigi ppruvat fil-mori ta’ din il-kawza l-kuntratt ta’ l-2003 kien jikkonsisti f’bejgh proprju u mhux f’att simulat u ghalhekk qua att regolati, ghandu jircievi s-sanzjoni tal-Ligi ;

7. Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess, anki li kieku l-istess att kellu jigi dikjarat bhala simulat, ma jistax jinghad li l-istess kuntratt jikkonsisti f’att ta’ liberalita’, u dan kif se jigi ppruvat dettaljatament fil-mori ta’ din il-kawza ;

8. Illi fi kwalunkwe kaz ukoll, anki jekk kellhom jintlaqghu iz-zewg talbiet attrici, m’hemmx lok ghal kollazzjoni tal-proprjeta’ u imputazzjoni tal-valur tal-proprjeta’ mertu tal-kuntratt ta’ l-2003 peress li bis-seba’ artikolu tat-testment ta’ Helen Attard ta’ l-20 ta’ Novembru 2000 atti Nutar Paul George Pisani, hija ezentat lil uliedha kollha mill-obbligu tal-kollazzjoni u imputazzjoni ta’ dak kollu li rcevew minghandha gratwitament f’hajjitha ;

9. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess ukoll, il-valutazzjoni tal-proprjeta’ ghall-fini tal-komputazzjoni tal-legittima ghandha tittiehed skond il-ligi ;

10. Illi huwa kontestat li l-konvenuti qatt ma rrendew servigi retribwibbli lill-mejta Helen Attard u li ma gie dovut l-ebda kumpens ghalihom ;

11. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-rapporti tal-perit tekniku Alan Saliba.

Rat l-atti tal-kawza fl-istess ismijiet bin-numru 83/2008.

Rat l-atti kollha inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat in-noti ta'sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

(i) Illi l-kontendenti huma lkoll l-ulied ta' Victor Emmanuel Attard u Helen Attard.

(ii) Victor Emmanuel Attard miet fl-24 ta' Novembru 1985. B'testment unica charta tal-21 ta' Lulju 1980 in atti Nutar Michael Refalo l-konjugi Attard hallew lil xulxin u reciprokament l-uzu u l-uzufrutt tal-assi taghhom u nnominaw u istitwew bhala eredi universali taghhom lid-disa' wlied taghhom fi kwoti ndaqs bejniethom.

(iii) Helen Attard mietet fil-15 ta' Frar 2008. Wara l-mewt ta' zewgha, Helen Attard ghamlet tlett (3) testmenti ohra:

- Fl-20 ta' Novembru 2000 in atti Nutar Paul George Pisani
- Fil-31 ta' Ottubru 2003 in atti Nutar Paul George Pisani
- Fit-23 ta' Lulju 2005, testment sigriet miftuh min-Nutar Kristen Dimech fl-24 ta' Gunju 2008. F'dan l-ahhar testment Helen Attard iddezeredat lill-attrici b'dan li l-porzjoni legittimarja spettanti lilha tigi konsegwita mit-tlett (3) uliedha

(iv) Illi Helen Attard permezz ta' kuntratt tal-31 ta' Ottubru 2003 in atti Nutar Paul George Pisani bieghet lil (i) Michael Attard u lil martu Theresa Attard 'Porzjon A' (kif tirrizulta mill-pjanta annessa mal-kuntratt) mill-art maghrufa bhala 'Ta' l-Gherejjex' f'Marsalforn, limiti taz-

Zebbug, Ghawdex; u (ii) lil Joseph Buttigieg u Mary Carmen Buttigieg ‘Porzjon B’ (kif tirrizulta mill-pjanta annessa mal-kuntratt) mill-art maghrufa bhala ‘Ta’ l-Gherejjex’ f’Marsalforn, limiti taz-Zebbug, Ghawdex.

(v) Illi bit-tieni artikolu tat-testment taghha tal-31 ta’ Ottubru 2003, Helen Attard iddikjarat li b’att tal-istess Nutar tal-istess gurnata bieghet bicca art maghrufa bhala ‘ta’ l-Gherejjex’ f’Marsalforn limiti Zebbug, Ghawdex lil binha Michael Attard u martu Theresa Attard, u lil bintha Mary Carmen Buttigieg flimkien ma’ zewgha Joseph Buttigieg divizament bejniethom. Fuq dak l-att ix-xerrejja nghataw zmien ghal hlas. Izda bis-sahha ta’ l-imsemmi testment, it-testatrici hafret lil kull wiehed u wahda mill-imsemmija Michael u Theresa Attard, u Mary Carmen u Joseph Buttigieg kwalunkwe ammont li kien ghadu ma thallasx minnhom fid-data tal-mewt taghha, inkluzi l-imghaxijiet relattivi, fis-sens li kwalunkwe kreditu spettanti lit-testatrici fid-data tal-mewt taghha fir-rigward ta’ kull wiehed u wahda mill-beneficcjarji ghandu jittiehed u ghandu jigi ricevut mill-istess beneficcjarju b’legat jew prelegat skond il-kaz. It-testatrici ddikjarat li hija kienet qed tordna dan il-legat ossija prelegat b’kumpens ghal servizzi u assistenzi rezi mill-imsemmija wliedha u zwieghom lit-testatrici.

(vi) Illi l-attrici prezentat proceduri fl-ismijiet ‘Mary Fortunata mart Teddy Refalo vs Michael Attard et’ (Rik Nru: 83/08JD) fejn talbet li (i) tigi stabilita u likwidata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn Victor Emmanuel Attard u Helen Attard; (ii) likwidazzjoni tal-assi tal-mejjet Victor Emmanuel Attard; (iii) assenjazzjoni tal-assi tal-mejjet Victor Emmanuel Attard f’disa’ (9) porzjonijiet ugwali; (iv) likwidazzjoni tal-assi ta’ Helen Attard; (v) dikjarazzjoni li ghal finijiet ta’ tali likwidazzjoni li l-legat imholli bit-tieni artikolu huwa att ta’ liberalita’ u xejn rimuneratorji, izda li kwalunkwe ammont li kien baqa’ dovut fid-data tal-mewt tat-testatrici ghandu jigi kkalkulat ghal-fini tal-likwidazzjoni tal-assi ta’ Helen Attard; (vi) dikjarazzjoni li d-dizeredazzjoni hi nulla u bla effett billi mhiex maghmula ghar-ragunijiet li trid il-ligi; (vii)

likwidazzjoni u assi tal-legittima. F'dawn il-proceduri l-konvenuti qablu li l-attrici ghandha tiehu l-legittima.

(vii) L-attrici permezz ta' nota prezentata fil-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja, Ghawdex irrinunzjat ghall-wirt u successjoni ta' ommha filwaqt li zammet fermi d-drittijiet taghha ghal jedd tal-legittima jew sehem iehor dovut lilha.

(viii) Illi susegwentement l-attrici pprezentat il-kawza odjerna li permezz taghha qeghda tallega li l-kuntratt tal-31 ta' Ottubru li permezz tieghu Helen Attard ittrasferiet l-art 'tal-Gherejjex' lil uliedha Michael Attard u Mary Carmen Buttigieg huwa simulat mhux biss ghar-rigward tal-fatt li dan it-trasferiment ma kienx onerus izda fil-fatt jikkostitwixxi liberalita' kif ukoll minhabba l-fatt li l-valur gust u reali tal-imsemmija art huwa ferm superjuri ghal valur li bih allegatament giet trasferita.

**<u>Eccezzjonijiet Preliminari</u>**

**<u>L-Ewwel Eccezzjoni Preliminari</u>**

Illi permezz ta' l-ewwel eccezzjoni taghhom, il-konvenuti Michael Attard, Mary Carmen Buttigieg, Yvonne Attard u Jane Buttigieg eccepew is-segwenti :

*'Illi preliminarjament u fl-ewwel lok huwa sottomess li l-konvenuti Yvonne Attard u Jane Buttigieg m'humiex legittimi kuntraditturi f'din il-kawza in kwantu huma ma kienux partijiet kontraenti fuq il-kuntratt tal-31 ta' Ottubru 2003 atti Nutar Paul George Pisani'.*

Illi ghalkemm huwa minnu li Yvonne Attard u Jane Buttigieg ma kienux partijiet kontraenti fuq il-kuntratt tal-31 ta' Ottubru 2003, din il-qorti ma taqbilx li huma mhumiex legittimi kontradditturi f'dawn il-proceduri. Dan peress li apparti t-talba attrici li jigi dikjarat li l-kuntratt *de quo* huwa simulat, it-talba sussegwenti hija li ghal finijiet tal-likwidazzjoni tal-legittima dovuta lill-attrici l-valur reali tal-imsemmija art ghandu jingab lura fil-massa ereditarja. Yvonne Attard u Jane Buttigieg huma tnejn mill-eredi ta' Helen Attard. Kif inhu risaput huma l-eredi li eventwalment

jigu kkundannati jhallsu l-legittima hekk likwidata. Ghaldaqstant Yvonne Attard u Jane Buttigieg ghandhom kull interess li jikkontrollaw il-provi li jingabu partikolarment ghal dak li jirrigwarda l-valur ta' l-istess art.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

## It-Tieni Eccezzjoni Preliminari

Illi fit-tieni eccezzjoni taghhom il-konvenuti Michael Attard, Mary Carmen Buttigieg, Yvonne Attard u Jane Buttigieg eccepew is-segwenti :

*'Illi preliminarjament ukoll, in kwantu l-istess kuntratt tal-31 ta' Ottubru 2003 atti Nutar Paul George Pisani qed jigi attakkat b'din il-kawza, m'hemmx l-integrita' tal-gudizzju fil-kawza odjerna peress li z-zwigijiet ta' Michael Attard u Carmen Buttigieg, u cioe' Theresa Attard u Joseph Buttigieg kienu wkoll kontraenti fuq l-istess kuntratt. Ghalhekk l-istess kuntratt ma jistax jigi mittiefes sakemm ma jissejhux fil-kawza l-istess imsemmija Theresa Attard u Joseph Buttigieg'.*

Illi ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Central Mediterranean Development Corporation Limited vs Maria Teresa Borg**[1] li rreferiet ghall-kawza fl-ismijiet **Peter Paul Muscat et vs Peter Muscat Scerri**[2] fejn intqal li din l-eccezzjoni hija mibnija fuq tliet kunsiderazzjonijiet cioe`:

*(1) li ghall-ahjar gudizzju tal-Qorti, huwa xieraq li dawk kollha li ghandhom interess fi kwistjoni ghandhom ikunu fil-kawza;*
*(2) li d-dhul ta' kull min ghandu interess jaghmel il-gudizzju izjed effikaci, ghaliex min mhux fil-gudizzju mhux marbut bih;*
*(3) inaqqas il-htiega li jridu jinghataw ghadd ta' sentenzi fuq l-istess kaz.*

[1] Cit Nru: 341/2007LFS deciza fl-10 ta' Ottubru 2010
[2] Cit Nru: 19/06LFS deciza fl-14 ta' Jannar 2009

*Wiehed ghandu ghalhekk jezamina l-att promotorju fiz-zmien meta gie prezentat u dan indipendentement minn kull kunsiderazzjoni ohra (ara Appell Civili,* ***Zara de Domenico et vs Zahra De Domenico****, 15 ta' Jannar 1992). Eccezzjoni ta' din in-natura jekk tirnexxi ghandha l-effett li tehles lill-eccipjent milli jibqa' jidher fil-kawza.*

*Hawnhekk mhux il-kaz li wiehed jidhol fl-ezami ta' l-aspett li l-Qorti ghandha dejjem tikkunsidra validu procediment jekk kawza tkun infethet kontra l-legittimu kontradittur ghalkemm mhux l-unika parti u l-gudizzju jkun sostenibbli jekk dik l-integrita` tista' tintlahaq billi wiehed jirrikorri ghall-modi procedurali previsti taht l-artikolu 175(1) jew 960 tal-Kap 12. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandhiex tehles lill-parti konvenuta milli tibqa' fil-kawza ghax dik il-persuna tkun fil-fatt giet imharrka kif suppost ghalkemm ikun jonqos it-tahrika wkoll ta' parti ohra (ara* ***Mifsud vs Mifsud****, Vol XLVIII-II-1161, Prim'Awla, 3 ta' Ottubru 1964)."*

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed tallega li fil-pubblikazzjoni tal-kuntratt de quo kien hemm simulazzjoni doppja:

i. simulazzjoni rigward in-natura tan-negozju guridiku volut mill-partijiet
ii. simulazzjoni rigward il-prezz jew valur dikjarat tal-proprjeta'

L-attrici qed titlob ukoll li jekk jigi dikjarat li n-negozju guridiku li sehh bejn Helen Attard u l-konvenuti kien wiehed ta'donazzjoni minflok ta' bejgh allura l-valur tal-proprjeta' moghtija b'donazzjoni ghandha tingab lura fil-massa ereditarja ghal finijiet tal-likwidazzjoni tal-legittima u jekk il-valur tal-art trasferita dikjarat fil-kuntratt huwa simulat ghandu jinsab il-valur veru u reali tal-proprjeta' li ghandu jigi kkalkulat.

Illi dwar il-materja ta' simulazzjoni hu maghruf li din hija forma ta' frodi (Kollez. XXXII-II-392); u peress li ma tinghatax guridikament prezunzjoni ta' frodi, kwalunkwe

kuntratt jew ftehim ghandu favur tieghu l-prezunzjoni tas-sincerita' u tar-realta'. Ghalhekk min irid iwaqqa' din il-prezunzjoni jisthoqqlu jgib il-prova konkludenti u perswasiva tas-simulazzjoni minnu allegata[3].

Illi hekk kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Debono et vs Kanonku Dekan Francesco Camilleri noe et**[4]

*'Il-gurisprudenza lokali hija konkordi illi s-simulazzjoni ghandha tigi provata minn min jallegaha, u l-provi jridu jkunu perswazivi u konkludenti. Il-prova tista' ssir b'kull mod permess mil-ligi, anke minn xhieda. Izda dan il-principju ghandu jigi applikat b'rigur akbar meta jigi impunjat att pubbliku minhabba l-fidi akbar li l-ligi tirriponi fuqhom. Gie inoltre osservat li s-simulazzjoni tista' tigi provata mhux biss bi provi diretti imma anke permezz ta' prezunzjonijiet u kongetturi, purche` dawn ikunu gravi, precizi, u konkordanti, u mhux kontradetti minn prezunzjonijiet u indizji ohra (ara* ***Caruana Scicluna v. Pace****, deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Frar 1949,* ***Spiteri Debono v. Spiteri Debono*** *deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Dicembru 1953, u* ***Vassallo v. Vassallo****, deciza mill-istess Qorti fit-28 ta' Frar 1995 fost ohrajn).*

*Xi sentenzi lokali jirreferu wkoll ghal-htiega li jintwera causa simulandi, pero`, il-Corte di Cassazione tal-Italia, f'sentenza numru 5541 tat-8 ta' Gunju 1994, kienet osservat li l-causa simulandi "non risulta indispensabile ai fini della pronuncia di accertamento della simulazione, restando rilevante solo per fornire indizi rivelatori dell'accordo simulatorio" (Giorgio Bianchi "La Simulazione" (Ediz 2003 CEDAM pagna 5).*

*Issa skond id-duttrina, hemm zewg speci ta' simulazzjoni: wahda assoluta, meta l-kuntratt ikun interament fittizju u l-partijiet ma riedu jikkuntrattaw ebda obbligazzjoni, "colorem habens, substantiam vero nullam"; u l-ohra*

[3] **Luigi Spiteri Debono vs Joseph Spiteri Debono et** deciza 5 ta' Dicembru 1953
[4] Appell Civili Nru: 14/1959 deciz fil-5 ta' Ottubru 2010

*relativa, meta l-partijiet ghamlu kuntratt taht apparenza ta' iehor "colorem habens, substantiam vero alteram" (ara Coen "Giurisprudenza Italiana" voce Simulazione, para. 72).*

*L-azzjoni li ghandha bhala bazi s-simulazzjoni assoluta ghandha bhala skop id-dikjarazzjoni tal-inezistenza assoluta tal-att; dik li ghandha bhala bazi s-simulazzjoni relattiva ghandha bhala skop illi tigi restitiwita r-realta` tal-att u mnehhija l-forma apparenti tieghu'.*

Illi inghad ukoll li biex ikun hemm simulazzjoni jrid ikun hemm ix-xjenza tal-partijiet kollha li jridu joholqu l-att simulat. Jekk dana l-kunsens ma jkunx hemm, l-att ma jkunx impunjabbli fil-konfront ta' min ma jkunx ta dak il-kunsens; u mhux bizzejjed li xi wahda mill-partijiet kellha l-intenzjoni, mhux espressa u esternata lill-parti l-ohra, li taghmel att simulat; kif anqas hu bizzejjed li l-volonta' tas-simulant tkun diskordanti mad-dikjarazzjonijiet li hu jaghmel fl-att[5].

Illi dawn l-enunzjazzjonijiet jipprovdu linji gwida li Qorti trid issegwi u tanalizza sabiex tiddikjara jekk kuntratt hux wiehed simulat jew le. Huwa evidenti li jrid jigi pruvat li l-partijiet kollha fuq il-kuntratt kellhom ix-xjenza li riedu joholqu att simulat. Issa fil-kaz odjern l-attrici nonostante l-eccezzjoni mressqa minn uhud mill-konvenuti xorta wahda baqhet ma talbitx il-kjamat in kawza ta' Theresa Attard u Joseph Buttigieg. Il-presenza ta' dawn iz-zewg persuni mhiex semplici formalita' u dan peress li dawn iz-zewg persuni kienu wkoll kontraenti fuq il-kuntratt li tieghu qed tintalab dikjarazzjoni li kien simulat. Bla ebda dubju kwalunkwe decizjoni li tista' tittiehed minn din il-Qorti se taffettwa lill-istess Theresa Attard u Joseph Buttigieg u dan minghajr ma huma parti f'dawn il-proceduri u ma jistghux jiddefendu l-posizzjoni taghhom. Il-fatt innifsu li l-proceduri saru kontra z-zwieghom mhux bizzejjed ghaliex jista' jaghti l-kaz (anki jekk mhux necessarjament applikabbli ghall-kaz odjern) li r-ragel jew il-mara ta' dak li

[5] **Luigi Spiteri Debono vs Joseph Spiteri Debono et** deciza 5 ta' Dicembru 1953

jkun f’sitwazzjoni simili ma jkunx jew ma tkunx qed jagixxi jew tagixxi fl-ahjar interess tar-ragel jew il-mara taghha.

Illi ukoll ghalkemm l-attrici qed issostni li l-kuntratt *de quo* kien simulat u kwindi qed tghid li l-omm riedet taghmel donazzjoni lil uliedha, madankollu kif gie ritenut kwalunkwe kuntratt jew ftehim ghandu favur tieghu l-prezunzjoni tas-sincerita’ u tar-realta’. Kwindi skont il-kuntratt il-proprjeta’ inbieghet lill-konjugi u b’hekk dik l-istess proprjeta’ tappartjeni mhux biss lill-iben jew bint Helen Attard izda wkoll lil zwieghom.

Illi inoltre’ hemm principju iehor li ma jridx jintesa u cioe’ li sentenza taghmel stat biss fil-konfront tal-partijiet.

Illi ghalhekk din it-tieni eccezzjoni ghandha tintlaqa’ u nonostante’ li tqajjmet biss minn uhud mill-konvenuti ladarba l-gudizzju mhux integru huma l-konvenuti kollha li ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghaldaqstant u ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Michael Attard, Mary Carmen Buttigieg, Yvonne Attard u Jane Buttigieg ; tilqa’ t-tieni eccezzjoni ta’ l-istess konvenuti Michael Attard, Mary Carmen Buttigieg, Yvonne Attard u Jane Buttigieg tan-nuqqas ta’ integrita’ tal-gudizzju u ghalhekk tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenuti kollha.

Spejjez a karigu ta’ l-attrici, hlief dawk relatati ma’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Michael Attard, Mary Carmen Buttigieg, Yvonne Attard u Jane Buttigieg li ghandhom ikunu a karigu taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------